DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1106

tal-5 ta' Lulju 2021

dwar ir-rikonoxximent tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Awstralja għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi taħt superviżjoni mill-Awtorità Awstraljana għar-Regolazzjoni Prudenzjali bħala ekwivalenti għal ċerti rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jipprevedi mekkaniżmu li bih il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li permezz tagħhom l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz jiġu ddikjarati ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4, 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex il-kontropartijiet li jidħlu fi tranżazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, fejn mill-inqas waħda mill-kontropartijiet tkun stabbilita f'dak il-pajjiż terz, jitqiesu li ssodisfaw dawk ir-rekwiżiti billi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-reġim legali ta' dak il-pajjiż terz. Id-dikjarazzjoni ta' ekwivalenza tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiġifieri li jitnaqqas ir-riskju sistemiku u li tiżdied it-trasparenza tas-swieq tad-derivattivi billi tiġi żgurata l-applikazzjoni internazzjonalment konsistenti tal-prinċipji miftiehma mal-pajjiżi terzi u stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 11(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li huwa ssupplimentat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 ([2]) u bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 ([3]), jistabbilixxi r-rekwiżiti legali tal-Unjoni dwar il-konferma f'waqtha tat-termini ta' kuntratt tad-derivattivi OTC, it-twettiq ta' eżerċizzju ta' kompressjoni tal-portafoll u l-arranġamenti li taħthom il-portafolli jiġu rikonċiljati fir-rigward tal-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali ("CCP"). Barra minn hekk, dawk id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-obbligi ta' valwazzjoni u ta' riżoluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal dawk il-kuntratti ("tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali") kif ukoll l-obbligi dwar l-iskambju ta' kollateral ("marġni") bejn il-kontropartijiet.

(3) Sabiex ir-reġim legali, superviżorju u ta' infurzar ta' pajjiż terz jitqies ekwivalenti għar-reġim tal-Unjoni fir-rigward tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali u r-rekwiżiti tal-marġini, l-eżitu sostantiv tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli għandu jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiżgura l-protezzjoni tas-segretezza professjonali li hija ekwivalenti għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 83 ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, arranġamenti ekwivalenti legali, superviżorji u ta' infurzar għandhom jiġu applikati b'mod effettiv b'mod ekwu u mingħajr distorsjoni f'dak il-pajjiż terz. Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza għalhekk tinkludi verifika dwar jekk l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz jiżgurawx li l-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP u konklużi minn tal-inqas kontroparti waħda stabbilita f'dak il-pajjiż terz ma jesponux is-swieq finanzjarji fl-Unjoni għal livell ogħla ta' riskju u konsegwentement ma joħolqux livelli inaċċettabbli ta' riskju sistemiku fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali (ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9).

(4) Fl-1 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni rċeviet il-parir tekniku tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") dwar l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar fl-Awstralja ([4]) inklużi t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali applikabbli għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP. Fil-parir tekniku tagħha, l-ESMA kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda rekwiżit legalment vinkolanti dwar il-konferma f'waqtha tat-termini ta' kuntratt tad-derivattivi OTC, l-arranġamenti għat-twettiq tar-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, it-twettiq ta' kompressjoni tal-portafoll, il-valwazzjoni ta' portafoll u l-obbligu għas-soluzzjoni tat-tilwim jew għall-iskambju ta' kollateral bejn il-kontropartijiet għall-kuntratti tad-derivattivi OTC fl-Awstralja. L-ESMA osservat ukoll li l-ekwivalenza bejn ir-reġimi tal-marġini bilaterali ma setgħetx tiġi evalwata fil-ħin, peress li l-istandards tekniċi li jispeċifikaw ir-regoli dwar marġini bilaterali tal-Unjoni ma kinux għadhom ġew żviluppati.

(5) Il-Kummissjoni qieset il-parir tekniku tal-ESMA fit-twettiq tal-valutazzjoni tagħha, flimkien mal-iżviluppi regolatorji li seħħew minn dak iż-żmien 'il hawn. Il-Kummissjoni għamlet analiżi komparattiva tar-rekwiżiti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli fl-Awstralja. Hija vvalutat ukoll l-eżitu ta' dawk ir-rekwiżiti u l-adegwatezza tagħhom biex jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP b'mod meqjus ekwivalenti għall-eżitu tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(6) L-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli fl-Awstralja għal tranżazzjonijiet fuq kuntratti tad-derivattivi kklirjati mhux ċentralment huma stabbiliti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 tal-Awtorità Awstraljana għar-Regolamentazzjoni Prudenzjali ("APRA") adottata skont it-taqsima 11AF tal-Att Bankarju tal-1959 (l-Att Bankarju), it-Taqsima 32 tal-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-1973 (l-Att dwar l-Assigurazzjoni), it-Taqsima 230 A tal-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Ħajja tal-1995 (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja) u t-Taqsima 34C tal-Att tal-1993 dwar l-Industrija tas-Superannwazzjoni (Superviżjoni) (l-Att dwar is-SIS). Il-mandat tal-APRA huwa li tiżgura s-sikurezza u s-soliditá tal-istituzzjonijiet finanzjarji regolati b'mod prudenti sabiex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom mad-depożitanti, id-detenturi tal-poloz u l-membri tal-fondi f'sistema finanzjarja stabbli, effiċjenti u kompetittiva. L-istandard prudenzjali CPS 226 jirrikjedi li entità koperta minn dawk ir-regoli jkollha prattiki xierqa ta' marġinazzjoni u mitigazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' derivattivi kklerjati mhux ċentralment. Dan l-Istandard Prudenzjali japplika għal istituzzjonijiet fl-industriji bankarji, tal-assigurazzjoni ġenerali, tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-superannwazzjoni, soġġetti għal ċerti limiti. L-istandard prudenzjali CPS 226 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2017. Uħud mir-rekwiżiti tiegħu huma soġġetti għal introduzzjoni gradwali f'konformità mal-qafas internazzjonali u allinjati mad-dħul gradwali eżistenti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251.

(7) L-Istandard Prudenzjali CPS 226 japplika għal derivattivi kklirjati mhux ċentralment, bl-eċċezzjoni ta' kuntratti tal-kambju b'maturità ta' inqas minn tlett ijiem. Id-definizzjoni ta' derivattivi kklerjati mhux ċentralment fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 hija usa' minn dik tad-derivattivi OTC prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Il-paragrafu 9 (g) tal-Istandard Prudenzjali CPS 226 jiddefinixxi "derivattiv" jew bħala derivattiv skont it-tifsira tal-Kapitolu 7 tal-Att dwar il-Korporazzjonijiet tal-2001, jew inkella bħala arranġament li huwa forward, swap jew opzjoni, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawk l-affarijiet, fir-rigward ta' komodità waħda jew aktar. Għaldaqstant jenħtieġ li l-ekwivalenza tiġi rikonoxxuta fir-rigward tad-derivattivi OTC li huma soġġetti għal marġini skont il-paragrafu 9(g) tal-Istandard Prudenzjali CPS 226.

(8) L-istandard prudenzjali CPS 226 ġeneralment japplika għal tranżazzjonijiet f'derivattivi kklerjati mhux ċentralment imwettqa bejn "entitajiet koperti mill-APRA" u "kontropartijiet koperti". "Entitajiet koperti mill-APRA" huma istituzzjonijiet awtorizzati li jieħdu depożiti (ADIs), inklużi ADIs barranin, u kumpaniji azzjonarji mhux operattivi awtorizzati skont l-Att Bankarju, assiguraturi ġenerali, inklużi assiguraturi tal-Kategorija C, kumpaniji azzjonarji mhux operattivi awtorizzati skont l-Att dwar l-Assigurazzjoni, u entitajiet prinċipali ta' gruppi tal-assigurazzjoni tal-Livell 2, kumpaniji tal-ħajja inklużi soċjetajiet amikevoli u kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-ħajja barranin eliġibbli (EFLICs), u kumpaniji azzjonarji mhux operattivi rreġistrati skont l-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Ħajja u entità ta' superannwazzjoni reġistrabbli skont l-Att dwar is-SIS fir-rigward tal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom. Id-definizzjoni ta' "kontropartijiet koperti" tikkorrispondi b'mod wiesa' għad-definizzjoni ta' "kontroparti finanzjarja" fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 filwaqt li teskludi b'mod simili veikoli bi skop speċjali meta t-tranżazzjoni titwettaq għall-iskop uniku ta' ħeġġjar. Id-definizzjoni ta' "kontropartijiet koperti" ma tqisx il-post ġuriżdizzjonali tal-kontroparti sakemm ma jkunx hemm dubju dwar l-infurzabbiltà tal-ftehim ta' netting f'każ ta' insolvenza jew falliment tal-kontroparti jew meta l-arranġamenti kollaterali ma jkunux dubjużi u jkunu legalment infurzabbli mal-inadempjenza tal-kontroparti.

([4]) ESMA/2013/1373, Parir tekniku dwar l-ekwivalenza regolatorju ta' pajjiż terz taħt EMIR – l-Awstralja, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, l-1 ta' Ottubru 2013.

(9) Skont il-paragrafu 11 tal-Istandard Prudenzjali CPS 226, l-obbligi għall-iskambju tal-marġni ta' varjazzjoni huma applikabbli biss għal kontropartijiet fi tranżazzjoni fejn l-ammont ta' derivattivi kklerjati mhux ċentralment taż-żewġ kontropartijiet jaqbeż, fuq bażi aggregata u konsolidata, limitu de minimis ta' AUD 3 biljun. Ma jeżisti l-ebda limitu bħal dan skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għaldaqstant jenħtieġ li r-rikonoxximent tal-ekwivalenza jkun kundizzjonali fuq l-iskambju tal-marġni ta' varjazzjoni bejn il-kontropartijiet soġġetti għall-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u l-entitajiet koperti mill-APRA.

(10) L-istandard prudenzjali CPS 226 fih obbligi simili għal dawk previsti fl-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u fil-Kapitolu VIII tar-Regolament Delegat (UE) Nru 149/2013. B'mod partikolari, il-paragrafi 77 sa 94 ta' dak l-Istandard Prudenzjali fihom rekwiżiti speċifiċi rigward il-konferma f'waqtha, il-kompressjoni tal-portafoll, ir-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, il-valwazzjoni tat-tranżazzjonijiet u r-riżoluzzjoni tat-tilwim applikabbli għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP. Fir-rigward tal-konferma f'waqtha, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 ma jistgħux jitqiesu ekwivalenti peress li jeħtieġu li t-tranżazzjonijiet jiġu kkonfermati biss "malli jkun prattikabbli" filwaqt li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 jistabbilixxi perjodu massimu biex it-tranżazzjoni tiġi kkonfermata. Fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 ma jistgħux jitqiesu ekwivalenti peress li l-frekwenza li biha portafoll għandu jiġi rikonċiljat mhijiex speċifikata fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 filwaqt li hija ddeterminata preċiżament fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013. Fir-rigward tas-soluzzjoni tat-tilwim, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 ma jistgħux jitqiesu ekwivalenti peress li, għall-kuntrarju tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013, l-Istandard Prudenzjali ma jipprevedix proċess speċifiku għal tilwim li ma jiġix solvut fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Fir-rigward tal-kompressjoni tal-portafoll u l-valwazzjoni tat-tranżazzjoni, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 jistgħu jitqiesu ekwivalenti fl-eżitu għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013.

(11) Fir-rigward tal-kuntratti tad-derivattivi kklerjati mhux ċentralment koperti skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226, għaldaqstant jenħtieġ li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli għall-entitajiet koperti mill-APRA jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-kompressjoni tal-portafoll u l-valwazzjoni tat-tranżazzjonijiet applikabbli għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP.

(12) Skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226, il-marġni ta' varjazzjoni jrid jiġi skambjat, soġġett għal-limitu de minimis imsemmi fil-paragrafu 11 ta' dak l-Istandard Prudenzjali, u l-marġni inizjali jrid jiġi depożitat u miġbur għat-tranżazzjonijiet derivattivi ġodda kollha kklerjati mhux ċentralment, bl-eċċezzjoni ta' forwards u swaps tal-kambju saldati fiżikament, bejn entità koperta mill-APRA u kontroparti koperta. L-APRA adottat l-introduzzjoni gradwali maqbula internazzjonalment għad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-marġni inizjali, il-limiti użati għad-dħul gradwali espress f'AUD jenħtieġ li jitqiesu ekwivalenti għal-livelli limitu msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. Eżenzjonijiet simili għal forwards u swaps tal-kambju saldati b'mod fiżiku u għal opzjonijiet ta' ekwità ta' stokk wieħed jew opzjonijiet ta' indiċi huma previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun tapplika biss għal kuntratti tad-derivattivi OTC li huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-marġni skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u l-Istandard Prudenzjali CPS 226.

(13) Skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226, il-marġni ta' varjazzjoni għandu jiġi kkalkulat u mitlub kuljum u s-saldu tal-ammonti tal-marġni ta' varjazzjoni għandu jsir "minnufih". L-APRA ddikjarat pubblikament l-aspettattiva tagħha li, fil-prattika, is-saldu tal-marġni ta' varjazzjoni għandu jseħħ fuq bażi ta' T+1 (fejn T hija d-*data* tas-sejħa għall-marġni). Madankollu, tali perjodu ta' żmien għas-saldu jista' ma jkunx fattibbli fiċ-ċirkostanzi kollha minħabba, pereżempju, iż-żona tal-ħin u kunsiderazzjonijiet transfruntiera. Għalhekk, l-APRA adottat rekwiżit ibbażat fuq il-prinċipji għas-saldu fil-pront tal-marġni ta' varjazzjoni biex jinkiseb eżitu konsistenti ma' rekwiżiti regolatorji globali oħra għat-twaqqit tas-saldu għall-marġni ta' varjazzjoni. L-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 jirrikjedi li l-kontropartijiet kollha ta' tranżazzjoni derivattiva OTC mhux ikklerjata minn CCP jiskambjaw marġni ta' varjazzjoni fuq bażi ta' kuljum jew jaġġustaw il-perjodu ta' marġni ta' riskju użat għall-kalkolu tal-marġni inizjali skont dan. L-arranġamenti previsti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 fir-rigward tal-marġni ta' varjazzjoni għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti biss meta dawk l-arranġamenti jiksbu eżitu ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għal dan il-għan.

(14) L-Istandard Prudenzjali CPS 226 jipprevedi ammont ta' trasferiment minimu kkombinat ta' marġnijiet inizjali u ta' varjazzjoni tal-AUD 750 000, filwaqt li l-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 jipprevedi ammont ta' EUR 500 000. Meta titqies id-differenza marġinali bejn dawk l-ammonti u l-objettiv komuni tal-Istandard Prudenzjali CPS 226 u r-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, jenħtieġ li dawk l-ammonti jitqiesu bħala ekwivalenti.

(15) Jenħtieġ li r-rekwiżiti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 għall-kalkolu tal-marġni inizjali jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. B'mod simili għall-metodu standardizzat għall-kalkolu tal-marġni inizjali stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, l-Istandard Prudenzjali CPS 226 jippermetti l-użu ta' mudell standardizzat ekwivalenti għal dak stabbilit f'dak l-Anness IV. Alternattivament, mudelli interni jew ta' partijiet terzi jistgħu jintużaw taħt l-Istandard Prudenzjali CPS 226 għall-kalkolu tal-marġni inizjali fejn dawk il-mudelli jkun fihom ċerti parametri speċifiċi ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, inklużi intervalli ta' kunfidenza minimi u perjodi ta' marġni ta' riskju u ċerta *data* storika, inklużi perjodi ta' stress. L-entitajiet koperti mill-APRA jridu japplikaw għall-APRA għall-approvazzjoni biex jużaw mudell intern jew ta' parti terza u jiżguraw li titwettaq reviżjoni indipendenti ta' dan il-mudell qabel ma tintalab l-approvazzjoni.

(16) Ir-rekwiżiti fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 dwar il-kollateral eliġibbli u dwar kif jinżamm u jiġi ssegregat dak il-kollateral jenħtieġ li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. L-Istandard Prudenzjali CPS 226 fih lista ekwivalenti ta' kollateral eliġibbli, u entità koperta mill-APRA għandu jkollha fis-seħħ kontrolli xierqa biex tiżgura li l-kollateral miġbur ma jurix riskju ta' korrelazzjoni ħażina sinifikanti jew riskju ta' konċentrazzjoni sinifikanti. Jenħtieġ li l-konċentrazzjoni tiġi vvalutata f'termini ta' emittent individwali, tip ta' emittent u tip ta' assi. Għaldaqstant jenħtieġ li r-regoli tal-marġni għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP li jinsabu fl-Istandard Prudenzjali CPS 226 jitqiesu ekwivalenti għal dawk previsti fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(17) Fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tas-segretezza professjonali fl-Awstralja, l-informazzjoni miżmuma mill-APRA, kif ukoll l-aġenziji kollha tal-Commonwealth, hija soġġetta għall-Att dwar il-Privatezza 1988 ("l-Att dwar il-Privatezza"). Barra minn hekk, l-Att dwar l-Awtorità Awstraljana tar-Regolamentazzjoni Prudenzjali tal-1998 ("l-Att dwar l-APRA") jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-segretezza li japplikaw għall-APRA u l-impjegati tagħha. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 56(2) tal-Att dwar l-APRA, l-uffiċjali jew l-ex uffiċjali tal-APRA huma ħatja ta' reat jekk jiżvelaw "informazzjoni protetta" jew "dokument protett" lil kwalunkwe persuna jew "lil qorti" (għajr f'konformità mal-Att dwar l-APRA). Barra minn hekk, it-Taqsima 70 tal-Att tal-1914 dwar id-Delitti ("l-Att dwar id-Delitti") hija dispożizzjoni ta' segretezza ta' applikazzjoni ġenerali għall-uffiċjali tal-Commonwealth (jiġifieri l-impjegati tas-settur pubbliku, inklużi l-persunal u l-kuntratturi tal-APRA). Din id-dispożizzjoni tirrendi illegali li uffiċjali tal-Commonwealth jiżvelaw kwalunkwe fatt jew dokument li jsiru jafu bihom jew li jkunu fil-pussess tagħhom bħala uffiċjal tal-Commonwealth, u li huma għandhom l-obbligu li ma jiżvelawx. Meħuda flimkien, l-Att dwar il-Privatezza, l-Att dwar id-Delitti u l-Att dwar l-APRA jipprovdu garanziji ta' segretezza professjonali, inkluża l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kondiviżi mill-awtoritajiet ma' partijiet terzi, li jenħtieġ li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fit-Titolu VIII tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(18) Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-arranġamenti legali fl-Awstralja, l-APRA għandha r-responsabbiltà primarja għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità mal-Istandard Prudenzjali CPS 226. L-APRA tista' tieħu firxa wiesgħa ta' miżuri superviżorji inkluż it-twettiq ta' investigazzjoni formali dwar l-affarijiet ta' istituzzjoni, l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet fuq liċenzja ta' istituzzjoni jew il-ħruġ ta' struzzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet partikolari, il-ħatra ta' maniġer statutorju, maniġer ġudizzjarju jew fiduċjarju ta' sostituzzjoni biex jimmaniġġja l-affarijiet ta' istituzzjoni, jibda azzjoni kriminali kontra persuni jew istituzzjonijiet jew ifittex ordnijiet ta' trażżin. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jitqiesu li jipprevedu l-applikazzjoni effettiva tal-arranġamenti legali, regolatorji u ta' infurzar rilevanti skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226 b'mod ekwu u mhux distorsiv u li jiżguraw superviżjoni u infurzar effettivi ekwivalenti għall-arranġamenti superviżorji u ta' infurzar disponibbli skont il-qafas legali tal-Unjoni.

(19) Din id-Deċiżjoni tirrikonoxxi l-ekwivalenza tar-rekwiżiti vinkolanti stabbiliti fil-liġi Awstraljana relatata mal-kuntratti tad-derivattivi OTC applikabbli fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESMA, se tkompli twettaq monitoraġġ fuq bażi regolari tal-evoluzzjoni tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar għal dawn il-kuntratti tad-derivattivi OTC u l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tagħhom dwar il-konferma fil-ħin, il-kompressjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, il-valutazzjoni, is-soluzzjoni tat-tilwim u r-rekwiżiti tal-marġni applikabbli għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP fuq il-bażi li fuqha ttieħdet din id-Deċiżjoni. Bħala parti mill-isforzi ta' monitoraġġ tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob

lill-APRA biex jipprovdu informazzjoni dwar l-iżviluppi regolatorji u superviżorji. Il-Kummissjoni tista' twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin, fejn l-iżviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid id-dikjarazzjoni ta' ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni. Valutazzjoni mill-ġdid bħal din tista' twassal għar-revoka ta' din id-Deċiżjoni, li b'konsegwenza tagħmel lill-kontropartijiet awtomatikament soġġetti mill-ġdid għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(20) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Awstralja għall-kompressjoni tal-portafoll u l-valwazzjoni tat-tranżazzjonijiet li huma applikati għal tranżazzjonijiet derivattivi kklerjati mhux ċentralment regolati mill-Awtorità Awstraljana għar-Regolazzjoni Prudenzjali (Australian Prudential Regulation Authority, "APRA") għandhom jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 meta mill-inqas waħda mill-kontropartijiet għal dawk it-tranżazzjonijiet tkun entità koperta mill-APRA kif definit skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Awstralja għall-iskambju ta' kollateral li huma applikati għal tranżazzjonijiet derivattivi kklerjati mhux ċentralment regolati mill-APRA għandhom jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) mill-inqas waħda mill-kontropartijiet għal dawk it-tranżazzjonijiet hija entità koperta mill-APRA kif definita skont l-Istandard Prudenzjali CPS 226;

(b) meta l-marġni ta' varjazzjoni jkun meħtieġ li jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-marġni ta' varjazzjoni jiġi pprovdut fl-istess jum li fih jiġi kkalkolat.

B'deroga mill-punt (b), meta jiġi stabbilit bejn il-kontropartijiet li l-marġni ta' varjazzjoni ma jistax jiġi pprovdut b'mod konsistenti fl-istess jum li fih ikun ikkalkula, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-Awstralja għandhom jitqiesu wkoll bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fejn il-marġni ta' varjazzjoni jiġi pprovdut fi żmien 2 jum ta' xogħol mill-kalkolu tiegħu u l-perijodu ta' marġni ta' riskju użat għall-kalkolu tal-marġni inizjali jiġi aġġustat kif xieraq.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN